**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TAĠ 'UDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**Vs**

**James Alexander Casha**
**Omissis**

**Każ Nru. 1422/24**

**Illum 12 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **James Alexander Casha**, iben Nazzareno u Josephine neè Pace, imwieled fit-13 ta' Diċembru 1971 ġewwa l-Awstralja u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0348207L, talli fix-xahar ta' Frar 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data, f'ħinijiet diversi ġewwa Ħaż-Żebbuġ u Siġġiewi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, b'risoluzzjoni waħda:

1. Talli bejn it-13 u 16 ta' Frar 2022, ġewwa Triq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' external hard drive u żewġ pendrives minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACG-409 ta' l-għamla Toyota Passo, għad-detriment ta' Lara Tanti Farrugia u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġsitrazzjoni ACG-409 ta' l-għamla Toyota Passo, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Lara Tanti Farrugia u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli fil-lejl bejn it-13 u 14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Ramija, Siġġiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GOR-008 ta' l-għamla Toyota Yaris, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Carmelo Scicluna u/jew persuni oħra;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioè li jikkommetti serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-

Numru ta' Reġistrazzjoni GOR-008 ta' l-għamla Toyota Yaris, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

5. U aktar talli fil-lejl bejn it-13 u 14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq l-Għid, Siġġiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAU-815 ta' l-għamla Hyundai Excel, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Mario Aquilina u/jew persuni oħra;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioè li jikkommetti serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAU-815 ta' l-għamla Hyundai Excel, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu;

7. U aktar talli fil-lejl ta' l-14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Ramija, Siġġiewi, ikkommetta serq ta' żewġ mobile phones ta' l-għamla Samsung S8+, erba' kaxxi għodda tal-marka Parkside u power bank bla ditta minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni REB-222 ta' l-għamla Mitsubishi Strada, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur, liema valur ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Kurston Joseph Schembri u/jew persuni oħra;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew imobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni REB-222 ta' l-għamla Mitsubishi Strada, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Kurston Joseph Shcembri u/jew persuni oħra;

9. U aktar talli bejn nofs in-nhar (12:00hrs) tas-17 ta' Frar 2022 u d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) tat-18 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Luigi Fontana, Ħaż-Żebbuġ, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBU-524 ta' l-għamla Toyota Vitz, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Suzanne Sammut u/jew persuni oħra;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommetta serq ta' ftit Euros minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBU-524 ta' l-għamla Toyota Vitz, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Suzanne Sammut u/jew persuni oħra;

11. U aktar talli nhar it-18 ta' Frar 2022 bejn is-sitta neqsin kwart (05:45hrs) u s-sitta u nofs (06:30hrs) ta' filgħodu, ġewwa Triq in-Newl, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HLX-109 ta' l-għamla Toyota Hilux, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Joseph Coleiro u/jew persuni oħra;

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HLX-109 ta' l-għamla Toyota Hilux liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Joseph Coleiro u/jew persuni oħra;

13. U aktar talli bejn it-18 u l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Dawret in-Niżla ta' San Pawl, Ħaż-Żebbuġ, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBQ-202 ta' l-għamla Fiat Punto, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Nadia Farrugia u/jew persuni oħra;

14. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioè li jikkommetti serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa, minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBQ-202 ta' l-għamla Fiat Punto, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

15. U aktar talli bejn id-19 u 20 ta' Frar 2022, ġewwa Misraħ Muxi, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBQ-452 ta' l-għamla Toyota Ist, liema serq sar għad-detriment ta' Owen Caruana u/jew persuni oħra;

16. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBQ-452 ta' l-għamla Toyota Ist, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Owen Caruana u/jew persuni oħra;

17. Talli bejn l-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (21:45hrs) tad-19 ta' Frar 2022 u id-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) ta' l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Geraldu Farrugia, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni VPR-1919 ta' l-għamla Volkswagen Golf, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Andrea Zahra u/jew persuni oħra;

18. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew VPR191 ta' l-għamla Volkswagen Golf ta' l-għamla Toyota Ist, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Andrea Zahra u/jew persuni oħra;

19. U aktar talli nhar l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Icilio Calleja, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAT-215 ta' l-għamla Mazda Demio, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Katriona Farrugia u/jew persuni oħra;

20. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAT-215 ta' l-għamla Mazda Demio liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Katriona Friggieri u/jew persuni oħra;

21. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

22. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr.

C. Stafrace Zammit LL.D.) datata tlieta u għoxrin (23) ta' April, elfejn u wieħed u għoxrin (2021), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **James Alexander Casha** u Omissis flimkien:

23. Talli nhar l-20 ta' Frar 2022, bejn id-disgħa u ħamsa ta' filgħaxija (21:05hrs) u id-disgħa u kwart ta' filgħaxija (21:15hrs) ġewwa Triq Karmenu Micallef Buhagiar, Ħaż-Żebbuġ, bil-ħsieb li jagħmlu delitt, cioè li jikkommettu serqa ikkwalfikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni LAN-902 ta' l-għamla Suzuki SJ410, u wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħhom;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkundanna lil James Alexander Casha u lil Omissis għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, esebit bħala Dok. "JG";

Rat illi l-imputat James Alexander Casha ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti wissietu dwar l-implikazzjonijiet legali tagħha u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' lura minnha;

Rat illi l-imputat u Omissis kienu ġew issentenzjati għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom permezz ta' sentenza pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta datata 22 ta' Novembru 2022, liema sentenza però ġiet revokata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza pronunċjata fis-7 ta' Diċembru 2023, u biex il-partijiet ma jiġux ipprivati mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, l-atti ġew rinvijati lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-imputat u Omissis jerġgħu jitpoġġew fil-pożizzjoni li kienu immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza in kwistjoni u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skond il-Liġi;

Rat illi l-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco li ppresjediet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-fini ta' l-għoti tas-sentenza revokata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, astejniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-proċeduri u bagħtet l-atti lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jiġu assenjati skond il-Liġi;

Rat illi l-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. James Alexander Casha et" ġew assenjati lill-Maġistrat sedenti b'Ordni datat 9 ta' Jannar 2024;

Rat li l-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. James Alexaner Casha et" ġew appuntati għas-smigħ quddiem din il-Qorti kif presjeduta għas-17 ta' Jannar 2024 fil-10:45a.m.;

Rat illi waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2024, għad illi deher l-imputat, Omissis ma dehritx in kwantu ma kenitx notifikata u għaldaqstant il-kawża ġiet differita għat-12 ta' Frar 2024;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2024, il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn iż-żewġ imputati stante li sa' dakinhar Omissis kienet għadha ma ġietx rintraċċjata u b'hekk baqgħet mhux notifikata;

Rat li fl-imsemmi seduta tat-12 ta' Frar 2024, l-imputat James Alexander Casha eżenta lill-Prosekuzzjoni milli terġa tressaq id-dokumentazzjoni minnha ġia ippreżentata f'dawn il-proċeduri;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-imputat waħdu qed jiġi mixli talli fix-xahar ta' Frar 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data, f'ħinijiet diversi ġewwa Ħaż-Żebbuġ u Siġġiewi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, b'risoluzzjoni waħda: (1) bejn it-13 u 16 ta' Frar 2022, ġewwa Triq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' external hard drive u żewġ pendrives minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACG-409 ta' l-għamla Toyota Passo, għad-detriment ta' Lara Tanti Farrugia u/jew persuni oħra; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġsitrazzjoni ACG-409 ta' l-għamla Toyota Passo, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Lara Tanti Farrugia u/jew persuni oħra; (3) u aktar talli fil-lejl bejn it-13 u 14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Ramija, Siġġiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GOR-008 ta' l-għamla Toyota Yaris, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Carmelo Scicluna u/jew persuni oħra; (4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioè li jikkommetti serqa ikkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GOR-008 ta' l-għamla Toyota Yaris, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (5) u aktar talli fil-lejl bejn it-13 u 14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq l-Għid, Siġġiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAU-815 ta' l-għamla Hyundai Excel, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta' Mario Aquilina u/jew persuni oħra; (6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioè li jikkommetti serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAU-815 ta' l-għamla Hyundai Excel, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu; (7) u aktar talli fil-lejl ta' l-14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Ramija, Siġġiewi, ikkommetta serq ta' żewġ mobile phones ta' l-għamla Samsung S8+, erba' kaxxi għodda tal-marka Parkside u power bank bla ditta minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni REB-222 ta' l-għamla Mitsubishi Strada, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur, liema valur ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa

u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Kurston Joseph Schembri u/jew persuni oħra; (8) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew imobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni REB-222 ta' l-għamla Mitsubishi Strada, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Kurston Joseph Shcembri u/jew persuni oħra; (9) u aktar talli bejn nofs in-nhar (12:00hrs) tas-17 ta' Frar 2022 u d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) tat-18 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Luigi Fontana, Ħaż-Żebbuġ, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBU-524 ta' l-għamla Toyota Vitz, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Suzanne Sammut u/jew persuni oħra; (10) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommetta serq ta' ftit Euros minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBU-524 ta' l-għamla Toyota Vitz, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Suzanne Sammut u/jew persuni oħra; (11) u aktar talli nhar it-18 ta' Frar 2022 bejn is-sitta neqsin kwart (05:45hrs) u s-sitta u nofs (06:30hrs) ta' filgħodu, ġewwa Triq in-Newl, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HLX-109 ta' l-għamla Toyota Hilux, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Joseph Coleiro u/jew persuni oħra; (12) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HLX-109 ta' l-għamla Toyota Hilux liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Joseph Coleiro u/jew persuni oħra; (13) u aktar talli bejn it-18 u l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Dawret in-Niżla ta' San Pawl, Ħaż-Żebbuġ, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBQ-202 ta' l-għamla Fiat Punto, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Nadia Farrugia u/jew persuni oħra; (14) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioè li jikkommetti serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa, minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBQ-202 ta' l-għamla Fiat Punto, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (15) u aktar talli bejn id-19 u 20 ta' Frar 2022, ġewwa Misraħ Muxi, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBQ-452 ta' l-għamla Toyota Ist, liema serq sar għad-detriment ta' Owen Caruana u/jew persuni oħra; (16) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBQ-452 ta' l-għamla Toyota Ist, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Owen Caruana u/jew persuni oħra; (17) talli bejn l-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (21:45hrs) tad-19 ta' Frar 2022 u d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) ta' l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Geraldu Farrugia, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni VPR-1919 ta' l-għamla Volkswagen Golf, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Andrea Zahra u/jew persuni oħra; (18) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew VPR191 ta' l-għamla Volkswagen Golf ta' l-għamla Toyota Ist, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Andrea Zahra u/jew persuni oħra; (19) u aktar talli nhar l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Icilio Calleja, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAT-215 ta' l-għamla Mazda Demio, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Katriona Farrugia u/jew persuni oħra; (20) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ

ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAT-215 ta' l-għamla Mazda Demio liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Katriona Friggieri u/jew persuni oħra; (21) u aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu; (22) u aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D.) datata tlieta u għoxrin (23) ta' April, elfejn u wieħed u għoxrin (2021), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat flimkien ma' Omissis qed jiġi mixli talli: (23) nhar l-20 ta' Frar 2022, bejn id-disgħa u ħamsa ta' filgħaxija (21:05hrs) u d-disgħa u kwart ta' filgħaxija (21:15hrs) ġewwa Triq Karmenu Micallef Buhagiar, Ħaż-Żebbuġ, bil-ħsieb li jagħmlu delitt, cioè li jikkommettu serqa ikkwalfikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni LAN-902 ta' l-għamla Suzuki SJ410, u wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħhom.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. In vista ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li ġew minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u l-fatt li għandu problema ta' abbuż ta' droga. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, it-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih, il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fis-sitt imputazzjoni dedotta kontrih, it-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fis-seba' imputazzjoni dedotta kontrih, id-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-għaxar imputazzjoni dedotta kontrih, l-imputazzjoni numru tnax dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-imputazzjoni numru ħdax dedotta kontrih, l-imputazzjoni numru tlettax dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-imputazzjoni numru erbatax dedotta kontrih, l-imputazzjoni numru sittax dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-imputazzjoni numru ħmistax dedotta kontrih, l-imputazzjoni numru tmintax dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-imputazzjoni numru sbatax dedotta kontrih u l-imputazzjoni numru għoxrin dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-imputazzjoni numru dsatax dedotta kontrih.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 21, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1), 281(a)(b), 284, 285, 289 u 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, ħlief għall-imputazzjoni numru tnejn u għoxrin (22) li ser tiġi trattata separatament, iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-karattur ta' l-imputat, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li huwa għandu problema ta' abbuż ta' droga, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga u l-hajja ta' kriminalità li qed jadotta, kif ukoll jiġi protett il-

pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta 'l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta 'l-Ordni ta 'Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma 'tali Ordni ta 'Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta 'tali Ordni, huwa jista 'jingħata sentenza għar-reati mertu ta 'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Peress illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta 'Trattament għall-perijodu ta 'tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta 'din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta 'Ordni ta ' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Dan l-Ordni ta 'Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta ' droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjoni numru tnejn u għoxrin (22) dedotta fil-konfront tiegħu, iżda peress illi fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga li iktar teħtieġ għajnuna u trattament milli inkarċerazzjoni, ma tqisx li tkun ħaġa ġusta w opportuna fiċ-ċirkostanzi li tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tibdel l-ordni oriġinali ta' sospensjoni ta' erba' (4) snin imposti bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. James Alexander Casha" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' April 2021, għal perijodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mill-ġdid spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' dan it-terminu ta' sospensjoni, reat li ghalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Probation u tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament maħruġa llum.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**